**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Lulju, 2020**

**Talba Nru: 52/2020PM1**

**AppleCore Foods Limited (C55240)**

**Vs**

**Owen Bonnici (K.I. Nru. 92581(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-12 ta' Mejju, 2020 permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' elfejn, erba' mija u zewg euros u sitta u erbghin centezmi (€2402.46) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija u apparat mibjugha u kkonsenjati lilu bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment u bl-imghax bl-ghola rata permessa mil-ligi kontra l-istess konvenut.

Ra li, permezz ta' digriet datata l-ewwel (1) ta' Gunju, 2020 l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati baghtet l-atti lir-Registratur sabiex dawn jigu trasferiti lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar bl-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu rizervati sakemm dan il-kaz jigi determinat mill-istess Tribunal u dana wara li sabet li, ai termini tal-art. 56A tal-Kap. 12, is-sorte mitluba taqa' fil-kompetenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

Ra li l-intimat gie notifikat bl-atti tal-kawza (tergo a fol. 9 tal-process).

Ra li waqt is-seduta tal-10 ta' Lulju, 2020 il-konvenut gie msejjah diversi drabi imma inizjalment baqa' ma deherx. L-avukat tas-socjeta` attrici, filwaqt li rrileva li l-konvenut kien tenut li jressaq ir-risposta tieghi sad-data tal-ewwel seduta wara n-notifika tieghu – imma baqa' ma ghamilx dan – u tenut ukoll li l-konvenut naqas milli jidher personalment ghas-seduta sabiex jikkontesta t-talba, l-istess avukat tas-socjeta` attrici talab li l-konvenut jitqies kontumaci u li t-Tribunal jghaddi ghas-sentenza li jkun sema' x-xhieda ta' Claude Mattocks.

It-Tribunal wara li ra li l-art. 13 tal-Kap. 380 jipprovdi li jekk il-konvenut jonqos milli jidher fid-data stabilita ghas-smiegh tal-kawza, it-Tribunal jista' jiddeciedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut, konsegwentement laqa' t-talba u ordna l-prosegwiment tal-kawza bix-xhieda ta' Claude Mattocks.

Sema' x-xhieda tal-istess Claude Mattocks li kkonferma l-ammont mitlub bhala dovut in rapprezentanza ta' ikel u xorb li l-istess konvenut kien jakkwista minghand is-socjeta` attrici ghar-*restaurant* tieghu. Gew ezebiti *statement* u fatturi a sostenn tal-istess talba (a fol. 12 et. seq. tal-process)

Ra li l-minkejja li l-konvenut rega' gie imsejjah dan baqa' ma deherx u li l-avukat tal-attrici iddikjara li din ma kellhiex provi ohrajn x'tipproduci u l-kawza giet posposta ghas-sentenza.

Ra li meta l-kawza regghet giet imsejha sabiex tinghata s-sentenza deher il-konvenut li ddikjara huwa m'ghamilx kuntatt ma' avukat u lanqas ma prezenta risposta ghall-kawza

u dana peress li huwa jaqbel li l-ammont huwa kollu dovut hlief ghas-somma ta’ €816.56 rapprezentanti *freezer* li huwa jikkontendi li tista’ tingabar mis-socjeta` attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal issospenda l-prolazzjoni tas-sentenza u ddiferixxa l-kawza ghal data ohra sabiex jisma’ lis-socjeta` attrici fir-rigward ta’ dak iddikjarat mill-konvenut.

Ra li waqt is-seduta tal-lum deher biss l-avukat difensur tas-socjeta` attrici li wara li ha konjizzjoni tas-surreferit insista li l-kawza tmur ghas-sentenza. Il-konvenut baqa’ ma deherx minkejja li gie imsejjah diversi drabi u, ghar-ragunijiet kollha kif verbalizzati, it-Tribunal laqa’ t-talba u proceda ghall-prolazzjoni tas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi kif jinsab verbalizzat waqt is-seduta tal-10 ta’ Lulju, 2020 il-konvenut qieghed jammetti t-talba salv ghas-somma ta’ €816.56 rapprezentanti *freezer* skont l-i*statement* ezebit mir-rapprezentant tas-socjeta` attrici aktar kmieni waqt l-istess seduta. In vista ta’ tali ammissjoni parzjali il-konvenut sahansitra iddikjara li ma kienx bi hsiebu illi jqabbad avukat jew iwiegeb billi jressaq risposta.

Illi ghaldaqstant l-unika kontestazzjoni imressqa minnu, almenu *viva voce*, tirrigwardja l-prezz ta’ *freezer,* ammontanti ghall-prezz ta’ €816.56, liema *freezer*, skont hu, setghet tingabar mis-socjeta` attrici. Il-bqija tas-somma mitluba tinsab ammessa oltre li pruvata tramite x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici, l-i*statement* u l-fatturi ezebiti in atti.

Fir-rigward tal-ammont mitlub it-Tribunal jaghmel referenza, fl-ewwel lok, ghad-dikjarazzjoni tal-konvenut waqt is-seduta tal-10 ta’ Lulju, 2020 liema dikjarazzjoni tammonta ghall-ammissjoni parzjali tal-ammont mitlub. Fir-rigward tal-ammont bilancjali kontestat il-konvenut naqas milli jattendi ghas-seduta tal-lum iffissata sabiex it-Tribunal jisma’ x’ghandha xi tghid is-socjeta` attrici f’tali rigward u kwindi jsib applikazzjoni l-art.

13 tal-**Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar** li jezigi l-presenza tal-konvenut ghas-seduta ffissata ghas-smigh f'liema kaz it-Tribunal jista' jghaddi ghas-sentenza anke fin-nuqqas tal-presenza tieghu. Hekk ukoll l-art. 9(2)(a) tal-istess Att jezigi li t-Tribunal kemm jista' jkun jittratta l-kawza quddiemu sommarjament billi l-kaz jinstema' u jinqata' fl-istess jum tas-smiegh u li tali smiegh ma jtulx aktar minn seduta wahda.

Illi fir-rigward tal-bilanc li l-konvenut ghazel li jikkontestah biss *viva voce* quddiem it-Tribunal minghajr ma jressaq ir-risposta tieghu, kif minnu stess dikjarat waqt is-seduta tal-10 ta' Lulju, 2020. Kif hawn fuq nutat, lanqas ma deher ghas-seduta tal-lum fil-hin appuntat ghaliha. It-Tribunal jaghmel referenza ghal dak deciz fil-kawza fl-ismijiet **Busietta Vs Borg Cardona** (Appell; deciz fis-6 t'Ottubru, 2000) fejn jinghad: "*Li wiehed izomm ghandu l-oggett in vendita mhux agir konsistenti ma' azzjoni ntiza biex thassar dak il-bejgh*", *multo magis* meta l-offerta ghat-thassir issir biss meta x-xerrej jigi rinfaccjat b'azzjoni ghall-hlas tal-prezz. F'dan il-kaz ukoll, mhux biss il-konvenut ma rax kif jehles mill-pussess tal-mobbli jekk hemm bzonn billi jiddepozita l-istess taht l-awtorita` tal-Onorabbli Qorti imma lanqas ma ressaq ebda raguni li tista' b'xi mod tiggustifika ir-restituzzjoni ta' tali mobbli li huwa baqa' jzomm wara li giet ikkonsenjat lilu fis-6 ta' Marzu, 2020 (*invoice* a fol. 33 tal-process). Ghaldaqstant huwa car li l-konvenut huwa tenut li jhallas ukoll dan l-ammont minnu kontestat u ma jistax validament jikkontendi li huwa jista' semplicement jehles mill-obbligu tal-hlas tal-prezz pattwit billi joffri lis-socjeta` attrici li din tiehu lura l-*freezer*. Kif jinghad espressament taht l-art. 992 tal-**Kodici Civili**, mhux biss il-kuntratti jikkostitwixxu l-ligi bejn il-partijiet imma wkoll ma jistghux jithassru jekk mhux bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew skont il-ligi. F'dan il-kaz mhux biss ma jirrizultax li s-socjeta` attrici tat il-kunsens taghha ghat-thassir tal-bejgh bir-restituzzjoni tal-*freezer* imma lanqas ma jirrizultaw ragunijiet skont il-ligi li jiggustifikaw tali thassir. Dan kollu qed jinghad ai fini ta' kompletezza u b'rispett lejn il-principju ta' ekwita` li jirregola l-proceduri quddiem it-Tribunal tenut kont li r-rifjut da parti tal-konvenut li jressaq ir-risposta formali tieghu, kif dikjarat minnu stess, oltre n-nuqqas ta' attendenza tieghu ghas-seduta tal-lum fil-hin iffissat ghaliha tiggustifika ampjament is-

sejbien ta' kontumacja tieghu (f'dan is-sens, fost diversi ohrajn, is-sentenza deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-8 ta' Marzu, 2019 fil-kawza fl-ismijiet **John Baldacchino v. Bajada New Energy Limited**).

Illi fir-rigward tal-imghaxijiet dawn ghandhom jibdew jiddekorru mid-dati tal-fatturi rispettivi in linea ma' dak provdut taht l-art. 1141 tal-**Kodici Civili**.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata anke in vista tal-ammissjoni parzjali tal-istess konvenut, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici is-somma globali mitluba ta' elfejn, erba' mija u zewg euros u sitta u erbghin centezmi (€2402.46) bl-ispejjez u bl-imghax mid-dati tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**